Fondi tal-UE għal Malta 2014-2020

SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-FONDI EWROPEJ U DJALOGU SOĊJALI

# DIVIŻJONI GĦALL-FONDI U L-PROGRAMMI
# IL-FOND EWROPEW GĦALL-AFFARIJIET MARITTIMI U S-SAJD (FEMS) 2014-2020
# KRITERJI TA' AMMISSIBILITÀ U GĦAŻLA

## 18 ta' Settembru 2019

Programm Operattiv għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd 2014-2020
Parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS)

***Investiment f'sajd u akkwakultura sostenibbli***

## 1.1 KRITERJI ĠENERALI TA' AMMISSIBILITÀ[1]

Il-kriterji ta' ammissibilità huma l-kriterji essenzjali li l-proġetti kollha jridu jissodisfaw sabiex ikunu ammissibbli għal valutazzjoni kwalitattiva ulterjuri. Il-proġetti li ma jikkonformawx mal-kriterji ta' ammissibilità MHUX se jipproċedu għal evalwazzjoni sħiħa u għall-għoti tal-punti.

Nota: ebda punt numeriku ma huwa involut f'din it-taqsima. Is-sodisfazzjon ta' kriterji bħal dawn jieħu l-forma ta' Iva jew Le. Proġett li huwa eliġibbli għandu jissodisfa l-kriterji kollha mniżżla hawn taħt.

**Formola tal-applikazzjoni**
L-applikant irid jippreżenta formola ta' applikazzjoni mimlija bid-dettalji rilevanti[2] u b'dokumentazzjoni awżiljari. Is-sottomissjoni trid issir fil-ħin qabel id-dati ta' skadenza definiti.

**Il-kapaċità u l-mandat tal-organizzazzjoni benefiċjarja**
L-applikant irid ikollu kapaċità amministrattiva, kompetenza u riżorsi tekniċi adegwati.

**Proġett implimentat fit-territorju eliġibbli**
Qed issir referenza għar-Repubblika ta' Malta. L-inizjattivi pubbliċitarji u ta' taħriġ jistgħu jiġu mxerrdin barra mit-territorju jekk il-benefiċċji jkunu ċari.

**Il-mexxej tal-proġett mill-organizzazzjoni benefiċjarja**
Uffiċjal bħal dan għandu r-responsabbiltà monetarja u legali għall-implimentazzjoni ta' proġett f'isem il-benefiċjarju. L-assoċjazzjoni diretta tal-persuna mal-benefiċjarju hija kruċjali b'mod speċjali bil-għan li jiġi żgurat li l-għotja tintuża esklussivament għall-iskop miftiehem.

**Proposta li tikkonforma ma' objettiv u indikatur speċifiku**
Il-kontribuzzjoni għall-ilħuq tal-miri tal-Programm Operattiv hija essenzjali, speċjalment minħabba l-analiżi tal-prestazzjoni tal-2018.

**Verifika tal-kofinanzjament (fejn applikabbli)**
F'każijiet fejn il-Gvern mhux qed jikkofinanzja l-proġett mill-fondi nazzjonali, l-entità li tikkommetti ruħha li tipprovdi l-kofinanzjament (organizzazzjonijiet pubbliċi jew oħrajn) trid tagħti prova li hemm riżorsi disponibbli għad-durata sħiħa tal-proġett.

[1] B'referenza għall-Artiklu 33 (Waqfien temporanju mill-attivitajiet tas-sajd), il-kriterji presentati f'din is-sezzjoni tad-dokument japplikaw biss għall-organizzazzjoni li tkun qed tapplika u li tkun fdata bħala l-Awtorità Kompetenti (Id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura) biex tagħżel applikazzjonijiet għall-għajnuna minn sajjieda bħala benefiċjari finali. Il-kriterji relevanti applikabbli għas-sajjieda bħala benefiċjarji finali, jistu jinstabu f'Anness 1 ta' dan id-dokument.
[2] Id-dettalji rilevanti huma dawk meħtieġa mill-Kumitat tal-Għażla biex jevalwa l-applikazzjoni u jagħti punti.

**Il-benefiċjarju jikkonforma mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd**

Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/288 jiddefinixxi l-perjodi ta' żmien u d-dati għall-inammissibbiltà tal-applikazzjonijiet fil-każ ta' ksur - sistema ta' punti. Dan il-kriterju japplika meta l-applikant ikkonċernat ikun "operatur" kif definit fl-Artikolu 4(30) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jiġifieri persuna fiżika jew ġuridika li topera jew li tikkontrolla kwalunkwe impriża li twettaq xi waħda mill-attivitajiet relatati ma' xi stadju tal-produzzjoni, l-ipproċessar, it-tqegħid fis-suq, il-ktajjen ta' distribuzzjoni u tal-bejgħ lill-konsumatur tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura.

## 1.2 KRITERJI TA' AMMISSIBILITÀ SPEĊIFIĊI GĦALL-MIŻURI

Il-kriterji ta' ammissibilità huma l-kriterji essenzjali li l-proġetti kollha jridu jissodisfaw sabiex ikunu ammissibbli għal valutazzjoni kwalitattiva ulterjuri. Il-proġetti li ma jikkonformawx mal-kriterji ta' ammissibilità tal-gateway MHUX se jipproċedu għal evalwazzjoni sħiħa u għall-għoti tal-punti.

Nota: ebda punt numeriku ma huwa involut f'din it-taqsima. Is-sodisfazzjon ta' kriterji bħal dawn jieħu l-forma ta' Iva jew Le. Proġett li huwa eliġibbli għandu jissodisfa l-kriterji kollha mniżżla hawn taħt.

**Prijorità tal-Unjoni 1**

**Miżura: Promozzjoni tal-kapital uman**
**Artikolu 29 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014:**

- Taħriġ maħsub għal sajjieda professjonali rreġistrati MFA/MFB. Dan jgħodd kemm għal sajjieda rġiel kif ukoll għan-nisa (ugwaljanza bejn is-sessi).

**Miżura: Diversifikazzjoni u forom ġodda ta' dħul**
**Artikolu 30 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014:**

- Sajjieda li jippreżentaw pjan ta' negozju għall-iżvilupp tal-attivitajiet ġodda tagħhom u li għandhom ħiliet professjonali adegwati;
- L-attivitajiet kumplimentari jridu jkunu marbutin man-negozju tas-sajd prinċipali tas-sajjieda.

**Miżura: Waqfien temporanju mill-attivitajiet tas-sajd[3]**
**Artikolu 33 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014:**

- Il-waqfien temporanju mill-attivitajiet tas-sajd jiġi megħjun jekk dan jindirizza paragrafu 1(a) tal-Artiklu 33 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014, 'implimentazzjoni ta' miżuri tal-Kummissjoni jew tal-miżuri ta' emerġenza tal-Istati Membri msemmija fl-Artikoli 12 u 13 rispettivament tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jew ta' miżuri ta' konservazzjoni msemmija fl-Artikolu 7 ta' dak ir-Regolament, inklużi perjodi ta' rkupru bijoloġiku;
- L-organizazzjoni li qed tapplika għandha tiddikjara jekk hix ser tassigura konformità mal-Artiklu 10 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 fuq l-ammissibilità tal-applikazzjonijiet sottomessi mis-sajjieda u mal-paragrafi 2-4 tal-Artiklu 33 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014.

---

[3] B'referenza għall-Artiklu 33 (Waqfien temporanju mill-attivitajiet tas-sajd), il-kriterji presentati f'din is-sezzjoni tad-dokument japplikaw biss għall-organizazzjoni li tkun qed tapplika u li tkun fdata bħala l-Awtorità Kompetenti (Id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura) biex tagħżel applikazzjonijiet għall-għajnuna minn sajjieda bħala benefiċjari finali. Il-kriterji relevanti applikabbli għas-sajjieda bħala benefiċjarji finali, jistu jinstabu f'Anness 1 ta' dan id-dokument.

**Miżura: Mitigazzjoni tal-effetti tat-tibdil fil-klima u t-titjieb tal-effiċjenza enerġetika tal-bastimenti tas-sajd**
**Artikolu 41(1) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014:**

- Il-proposti ta' proġetti dwar investimenti f'tagħmir jew abbord iridu jidentifikaw b'mod ċar kif l-operazzjonijiet li se jiġu implimentati sejrin jikkontribwixxu għat-tnaqqis fl-emissjoni ta' sustanzi li jniġġsu jew il-gassijiet b'effett ta' serra u jżidu l-effiċjenza enerġetika tal-bastimenti tas-sajd;
- Il-proposti ta' proġetti dwar investiment fl-irkaptu tas-sajd iridu juru b'mod ċar kif dawn ma jikkompromettux is-selettività ta' dak l-irkaptu tas-sajd;
- Il-proposti ta' proġetti dwar awditi ta' effiċjenza enerġetika jridu jidentifikaw kif dawn se jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tal-effetti tat-tibdil fil-klima billi jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u/jew għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika tal-bastimenti tas-sajd;
- Il-proposti ta' proġetti dwar studji għall-valutazzjoni tal-kontribuzzjoni tas-sistemi ta' propulsjoni alternattivi u d-disinn tal-buq għall-effiċjenza enerġetika tal-bastimenti tas-sajd għandhom jidentifikaw b'mod ċar l-eżiti mistennija relatati maż-żieda fl-effiċjenza enerġetika tat-tali bastimenti tas-sajd;
- L-applikanti jridu jkunu sidien ta' bastimenti tas-sajd u matul il-perjodu ta' programmazzjoni jistgħu jibbenefikaw darba biss mill-appoġġ għall-istess tip ta' investiment u għall-istess bastiment tas-sajd;
- Il-proposti ppreżentati jridu jikkonformaw mar-regoli stipulati fl-Artikoli 13, 14, 15 u 16 tar-REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/531 tal-24 ta' Novembru 2014 (kif applikabbli).

**Miżura: Is-sostituzzjoni jew il-modernizzazzjoni ta' magni prinċipali jew anċillari**
**Artikolu 41(2) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014:**

- Bastimenti b'tul totali ta' mhux iktar minn 12-il metru, diment li l-magna l-ġdida jew modernizzata ma jkollhiex iktar saħħa f'kW mill-magna attwali;
- Bastimenti b'tul totali bejn 12 u 18-il metru, diment li s-saħħa f'kW tal-magna l-ġdida jew modernizzata tkun tal-inqas 20 % inqas minn dik tal-magna attwali;
- Bastimenti b'tul totali ta' bejn 18 u 24 metru, diment li s-saħħa f'kW tal-magna l-ġdida jew modernizzata tkun tal-inqas 30 % inqas minn dik tal-magna ta' bħalissa;
- Bastimenti li jagħmlu parti minn taqsima mill-flotta li fir-rigward tagħha, ir-rapport dwar il-kapaċità tas-sajd ikun wera bilanċ mal-opportunitajiet tas-sajd relatati;
- Magni li ġew iċċertifikati uffiċjalment skont l-Artikolu 40(2) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009; l-appoġġ jingħata darba biss lis-sidien tal-bastimenti tas-sajd.

**Miżura: Portijiet tas-sajd, siti ta' żbark u postijiet ta' kenn**
**Artikolu 43 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014:**

- Ma għandux ikopri l-kostruzzjoni ta' portijiet ġodda u siti ta' ħatt ġodda, b'investimenti li għandhom jitwettqu esklussivament f'portijiet iddeżinjati;
- Proposti ta' proġetti li jaqbżu €250,000 jridu jinkludu pjan ta' direzzjoni tan-negozju jew rapport li jiddefinixxi l-proġett;
- Il-proposti ta' proġetti jridu jidentifikaw kif dawn sejrin jikkontribwixxu b'mod tanġibbli għat-titjib tas-servizzi ta' kuljum lis-sajjieda u/jew lill-operaturi tal-akkwakultura li jużaw il-port(ijiet) relatati.

**Prijorità tal-Unjoni 2**

**Miżura: Innovazzjoni**
**Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014:**

- F'każ ta' entitajiet privati, intraprendituri li għadhom ser jidħlu fis-settur iridu jippreżentaw pjan ta' direzzjoni tan-negozju u meta l-ammont tal-investimenti ikun ta' aktar minn €50,000, għandhom jipprovdu studju dwar il-fattibbiltà li jinkludi valutazzjoni ambjentali – Artikolu 46(2) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014;
- L-appoġġ għandu jingħata biss meta jkun intwera b'mod ċar, f'rapport ta' kummerċjalizzazzjoni <u>indipendenti,</u> li jeżistu prospetti tas-suq tajbin u sostenibbli għall-prodott konċernat – Artikolu 46(2) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014;
- Konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali/tal-ippjanar rilevanti; proposti li jinvolvu żoni protetti tal-baħar mhux se jingħataw appoġġ;
- Hekk kif hemm miktub f'Artikolu 47(2) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014, operazzjonijiet għandhom jitwettqu minn jew f'kollaborazzjoni ma' korpi xjentifiċi jew tekniċi pubbliċi jew privati, kif rikonoxxuti mill-Istat Membru, li għandhom jivvalidaw ir-riżultati ta' dawn l-operazzjonijiet;
- Juru li l-operazzjoni maħsuba hija konsistenti mal-pjan strateġiku nazzjonali pluriennali għall-iżvilupp tal-akkwakultura.

**Miżura: Proġetti fuq investimenti produttivi fl-akkwakultura**
**Artikolu 48 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014:**

- Applikanti relatati ma' intrapriżi li għadhom ser jidħlu fis-settur iridu jippreżentaw pjan ta' direzzjoni tan-negozju u meta l-ammont tal-investimenti ikun ta' aktar minn €50,000, għandhom jipprovdu studju dwar il-fattibbiltà li jinkludi valutazzjoni ambjentali – Artikolu 46(2) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014;
- L-appoġġ għandu jingħata biss meta jkun intwera b'mod ċar, f'rapport ta' kummerċjalizzazzjoni <u>indipendenti,</u> li jeżistu prospetti tas-suq tajbin u sostenibbli għall-prodott konċernat – Artikolu 46(2) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014;
- Konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali/tal-ippjanar rilevanti; proposti li jinvolvu żoni protetti tal-baħar mhux se jingħataw appoġġ;
- Juru li l-operazzjoni maħsuba hija konsistenti mal-pjan strateġiku nazzjonali pluriennali għall-iżvilupp tal-akkwakultura.

## Prijorità tal-Unjoni 5

**Miżura: Miżuri ta' kummerċjalizzazzjoni**
**Artikolu 68 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014:**

- Diversifikazzjoni: kampanji promozzjonali li għandhom l-għan li jtejbu d-domanda għal ħut li mhux qed jiġu kkummerċjalizzati fil-preżent;
- Jippreżentaw strateġija ta' kummerċjalizzazzjoni (riċerka tas-suq u linja bażi);
- Il-komunikazzjonijiet u l-kampanji promozzjonali ma għandhomx ikunu immirati lejn marki kummerċjali.

## Prijorità tal-Unjoni 6

**Miżura: Titjib tal-għarfien dwar l-istat tal-ambjent baħar**
**Artikolu 80 tar-Regolament UE) Nru 508/2014:**

- Juru li l-proposta hija konnessa ma' Status Ambjentali Tajjeb (GES, Good Environmental Status) relatat mal-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar;
- L-applikant irid jissottometti pjan komprensiv li jipprovdi dettalji tal-istudji li jridu jitwettqu b'konformità mal-GES relattiv. Nota: din il-Prijorità tal-Unjoni tindirizza l-Politika Marittima Integrata.

## 2.1 PROĊEDURA TAL-GĦOTI TA' PUNTI

**Il-kriterji tal-għażla** huma maħsuba biex jivvalutaw l-adegwatezza u l-kontribuzzjoni tal-proposti tal-proġett għall-istrateġija tal-Programm Operattiv, il-grupp fil-mira tiegħu u l-objettivi tiegħu. Dawn jistgħu jiġu rfinuti ulterjorament f'sejħiet għal proposti ta' proġetti biex jinkludu kriterji li huma speċifiċi għal tip wieħed ta' qasam ta' attività jew grupp fil-mira. Dawn il-kriterji huma maqsumin f'żewġ gruppi: dawk li jiddependu fuq valutazzjoni kwantitattiva u dawk li jeħtieġu valutazzjoni kwalitattiva. L-evalwazzjoni se tikkombina ż-żewġ tipi ta' dejta (kwantitattiva u kwalitattiva) sabiex ikollha fehim komprensiv tal-proposta.

Il-proġett irid jikseb mill-inqas 50% tal-marki disponibbli bħala total (kemm għall-kriterji ġenerali kif ukoll għal dawk speċifiċi għall-miżura) sabiex jitqies għall-finanzjament. Il-proġetti sejrin jiġu kklassifikati skont il-marki u l-fondi allokati lil dawk il-proġetti li jiksbu l-ogħla marki. Proġetti oħra li jiksbu l-marka minima meħtieġa iżda li ma jingħatawx finanzjament se jitpoġġew f'lista ta' riżerva skont il-punti miksuba u jiġu offruti finanzjament jekk u meta l-fondi jsiru disponibbli.

Il-membri li jivvotaw għandhom jiddeċiedu kif il-proposta tal-proġett tindirizza kull wieħed mill-kriterji u jassenjaw punti skont il-gwida li ġejja:

- Eċċellenti — 81 sa 100% tal-punti;
- Tajba ħafna — 76 sa 80% tal-punti;
- Sodisfaċenti — 50 sa 75% tal-punti;
- Dgħajfa ħafna — 26 sa 49% tal-punti;
- Inaċċettabbli — 01 sa 25% tal-punti.

## 2.2 KRITERJI TAL-GĦAŻLA ĠENERALI[4] (total ta' 70 marka)

**Kontribuzzjoni lejn l-indikaturi lil hinn mill-minimu meħtieġ**
Valutata f'termini ta' kontribuzzjoni lejn l-indikaturi tal-Programm Operattiv li tmur lil hinn mill-minimu meħtieġ.
**Punti massimi: 5**

**Kumplimentarjetà**
Applikazzjonijiet immarkati skont il-kumplimentarjetà tal-proposta tal-proġett ma' proġetti oħrajn iffinanzjati mill-UE.
**Punti massimi: 5**

**Il-kosteffettività**
Marki addizzjonali mogħtija fuq il-bażi tal-valur miżjud, l-effikaċja tal-proġett kif ukoll il-ġustifikazzjoni tal-ispejjeż ippjanati. Il-kofinanzjament jeħtieġ l-aqwa valur monetarju possibbli minħabba l-fatt li l-fondi tal-UE huma tabilħaqq il-flus tal-kontribwenti mill-Istati Membri kollha.
**Punti massimi: 20**

**Prijoritajiet orizzontali**
Konformità mal-prinċipji fundamentali tal-aċċessibbiltà, l-ugwaljanza bejn is-sessi u n-nondiskriminazzjoni flimkien mal-iżvilupp sostenibbli.
**Punti massimi: 5**

**Il-livell ta' kontribuzzjoni**
L-applikant jingħata marki skont l-ogħla kontribuzzjoni tal-proposta tal-proġett lejn l-indikaturi speċifiċi għall-miżura (bl-użu tal-prinċipju tal-proporzjonalità).
**Punti massimi: 5**

**Il-potenzjal li tikkontribwixxi għall-ilħuq tar-riżultati mistennija**
Il-Kumitat ta' Għażla sejjer jivvaluta r-riżultati mistennija li jinkisbu permezz tal-implimentazzjoni tal-operazzjoni approvata f'termini ta' soluzzjonijiet u riskji li jistgħu jostakolaw il-ksib tar-riżultati identifikati.
**Punti massimi: 5**

**Is-sostenibbiltà tal-proġett**

---

[4] B'referenza għall-Artiklu 33 (Waqfien temporanju mill-attivitajiet tas-sajd), il-kriterji presentati f'din is-sezzjoni tad-dokument japplikaw biss għall-organizazzjoni li tkun qed tapplika u li tkun fdata bħala l-Awtorità Kompetenti (Id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura) biex taghżel applikazzjonijiet għall-għajnuna minn sajjieda bħala benefiċjari finali. Il-kriterji relevanti applikabbli għas-sajjieda bħala benefiċjarji finali, jistu jinstabu f'Anness 1 ta' dan id-dokument.

Ivvalutata f'termini ta' kif il-benefiċċji se jkomplu jitgawdew wara li l-finanzjament tal-proġett ikun tabilħaqq intemm.

**Punti massimi: 10**

**Il-kwalità tal-formola tal-applikazzjoni**

Ivvalutata f'termini ta' (fost oħrajn) l-koerenza bejn il-partijiet varji tal-proposta, id-deskrizzjoni adegwata tal-azzjonijiet primarji u awżiljarji, baġit li jikkonforma mal-operazzjonijiet maħsuba u l-preżentazzjoni editorjali tal-proposta.

**Punti: 5**

**Il-prontezza**

Id-disponibbiltà ta' permessi ambjentali/tal-ippjanar, it-tfassil tas-sejħiet għall-offerti u studji/riżorsi oħra jew pjanijiet.

**Punti: 10**

## 2.3 KRITERJI TA' GĦAŻLA SPEĊIFIĊI GĦALL-MIŻURI

Noti:

a) Kull intestatura f'din it-taqsima fiha metodi ta' għoti ta' marki differenti skont in-natura tal-azzjonijiet rispettivi;
b) Kriterji ta' għażla speċifiċi għall-miżuri ma japplikawx għal miżuri li jaqaw taħt Prijorità tal-Unjoni 3 (kontroll u nfurzar u ġbir ta' data) u lanqas għall-miżura taħt Artiklu 33: Waqfien temporanju mill-attivitajiet tas-sajd (taħt Prijorità tal-Unjoni 1).

**Prijorità tal-Unjoni 1**

**Miżura: Promozzjoni tal-kapital uman (total ta' 30/100 punt)**

- Konsiderazzjonijiet ekoloġiċi: se tingħata preferenza lil taħriġ li jippromwovi ħiliet li għandhom impatt imnaqqas fuq l-ambjent;
  **Punti massimi: 5**
- Innovazzjoni: l-oriġinalità fil-metodu kif jingħata t-taħriġ;
  **Punti massimi: 5**
- Aktar punti mogħtija lil korsijiet li joffru esperjenza prattika;
  **Punti massimi: 5**
- Sħab fil-proġett: jingħataw punti addizzjonali lil inizjattivi li jsiru b'kollaborazzjoni ma' fornituri akkreditati;
  **Punti massimi: 5**
- Rifreskar tal-ħiliet: taħriġ li jrawwem il-parteċipazzjoni kontinwata jew saħansitra jżid l-għadd ta' sajjieda żgħażagħ f'din l-industrija;
  **Punti massimi: 5**
- Titjib fit-teknika tas-sajd, is-saħħa u s-sigurtà u l-adattament tas-sajd (eż. tnaqqis f'qabdiet mhux mixtieqa).
  **Punti massimi: 5**

**Miżura: Diversifikazzjoni u forom ġodda ta' dħul (total ta' 30/100 punt)**

- Kunsiderazzjonijiet ekoloġiċi: jingħataw punti addizzjonali għal proposti li jippromwovu l-effiċjenza enerġetika;
  **Punti massimi: 5**
- Innovazzjoni: oriġinalità tan-negozju li tmur lilhinn mill-kunċetti konvenzjonali;
  **Punti massimi: 5**
- L-ogħla punti se jingħataw lil dawk is-sajjieda li d-dħul tagħhom mill-attivitajiet diversifikati huwa relattivament għoli;
  **Punti massimi: 10**
- Impjieg: se jingħataw aktar punti lis-sajieda li se jżommu stabbli l-livelli ta' impjieg reġistrati qabel id-diversifikazzjoni. Ħolqien tax-xogħol li huwa ogħla mil-livelli ta' impjieg ta' qabel id-diversifikazzjoni għandu jirċievi stima pożittiva.
  **Punti massimi: 10**

**Miżura: Kollaborazzjoni bejn il-korpi xjentifiċi/tekniċi u s-sajjieda (total ta' 30/100 punt)**

- Tekniki tas-sajd u s-selettività tal-irkaptu mtejba;
  **Punti massimi: 10**
- Żvilupp ta' għarfien tekniku u organizzattiv innovattiv kif ukoll tnaqqis fl-impatt tas-sajd fuq l-ambjent;
  **Punti massimi: 5**
- Jingħataw iktar punti f'każ ta' pjan lest ta' tixrid tal-għarfien;
  **Punti massimi: 10**
- Għadd ta' bastimenti tas-sajd involuti fil-proġett: għandhom jingħataw aktar punti għall-kollaborazzjonijiet li għandhom l-ikbar ammont ta' bastimenti.
  **Punti massimi: 5**

**Miżura: Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u t-titjib tal-effiċjenza enerġetika tal-bastimenti tas-sajd (total ta' 30/100 punt)**

- Jingħataw punti għal investimenti bil-għan li jtejbu s-sistemi ta' refriġerazzjoni, iffriżar jew iżolament tal-bastimenti li huma inqas minn 18 m b'konformità mal-Artikolu 41.1(a) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 u l-Artikolu 16(a) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/531;
  **Punti massimi: 5**
- Jingħataw punti għal operazzjonijiet li għandhom l-għan li jtejbu s-sistema ta' propulsjoni tal-bastiment b'konformità mal-Artikolu 41.1(a) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 u l-Artikolu 14 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/531;
  **Punti massimi: 5**
- Jingħataw punti għal investimenti li għandhom fil-mira tagħhom l-irkaptu u t-tagħmir tas-sajd li jikkonformaw mal-Artikolu 41.1(a) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 u l-Artikolu 15 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/531;
  **Punti massimi: 5**
- Jingħataw punti għal investimenti li għandhom bħala għan li jtejbu l-idrodinamika tal-buq tal-bastiment b'konformità mal-Artikolu 41.1(a) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 u l-Artikolu 13 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/531;
  **Punti massimi: 5**
- Jingħataw punti għal operazzjonijiet li jimmiraw li jżidu l-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil (tradott f'iffrankar –litri għal kull volum ta' qabdiet);
  **Punti massimi: 5**
- Tingħata preferenza lill-investimenti li jsiru fuq bastimenti qodma iżda li għadhom operattivi li l-operazzjonijiet tagħhom jikkonformaw mal-investimenti definiti fl-Artikolu 41.1(a) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 u l-kostijiet eliġibbli definiti fl-Artikoli 13-16 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/531.
  **Punti massimi: 5 (bastimenti ta' sentejn= punt 1; bastimenti ta' 3 sa 5 snin= 2 punti; bastimenti ta' 6-8 snin= 3 punti; bastimenti ta' 9 -10 snin= 4 snin; bastimentit ta' >10 snin= 5 punti)**

**Miżura: Is-sostituzzjoni jew il-modernizzazzjoni ta' magni prinċipali jew anċillari (total ta' 30/100 punt)**

- Jingħataw iktar punti lil sajjieda tal-kosta ta' skala żgħira li normalment ikollhom inqas kapital biex jeżegwixxu sostituzzjonijiet/modernizzazzjoni tal-magni regolari;
  **Punti massimi: 10**
- Tingħata preferenza għat-tneħħija/modernizzazzjoni ta' magni aktar qodma li mhumiex effiċjenti fl-użu tal-enerġija;
  **Punti massimi: 10**
- Żieda fl-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil (tradott f'iffrankar – litri għal kull volum ta' qbid).
  **Punti massimi: 10**

**Miżura: Portijiet tas-sajd, siti ta' ħatt u postijiet ta' kenn (total ta' 30/100 punt)**

- Interess komuni: jiġu allokati aktar punti lil proġetti li jkunu ta' benefiċċju għall-ikbar numru ta' sajjieda reġistrati;
  **Punti massimi: 10**
- Saħħa u sigurtà: tingħata preferenza lil investimenti li joħolqu ambjent tax-xogħol iktar sikur;
  **Punti massimi: 5**
- Tingħata preċedenza lil proġetti li huma prijorità nazzjonali;
  **Punti massimi: 5**
- Effiċjenza fl-enerġija: jingħataw punti addizzjonali lil proposti li jinkludu l-ispejjeż relatati ma' sorsi ta' enerġija naturali alternattivi jew li jkunu se jtejbu l-effiċjenza enerġetika;
  **Punti massimi: 5**
- Titjib fil-proċess ta' ħatt l-art tal-ħut.
  **Punti massimi: 5**

**Prijorità tal-Unjoni 2**

**Miżura: Innovazzjoni (total ta' 30/100 punt)**
**Artikolu 47(1) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014**

- Żvilupp ta' għarfien tekniku, xjentifiku jew organizzattiv f'farms tal-akkwakultura, li jnaqqas, b'mod partikolari, l-impatt fuq l-ambjent, inaqqas id-dipendenza fuq l-għalf u ż-żejt tal-ħut, jinkoraġġixxi użu sostenibbli tar-riżorsi fl-akkwakultura, itejjeb it-trattament xieraq tal-annimali jew jiffaċilita metodi ta' produzzjoni ġodda sostenibbli;
  **Punti massimi: 5**
- Żvilupp jew introduzzjoni fis-suq ta' speċijiet ġodda tal-akkwakultura b'potenzjal tajjeb għas-suq, prodotti ġodda jew li jkunu ttejbu b'mod sostanzjali, proċessi ġodda jew imtejba jew sistemi ta' ġestjoni u organizzazzjoni ġodda jew imtejba;
  **Punti massimi: 10**
- Punti mogħtija lil proposti li jesploraw il-fattibiltà teknika jew ekonomika tal-innovazzjonijiet, il-prodotti jew il-proċessi;
  **Punti massimi: 5**
- Tingħata preferenza lil proposti marbuta ma' Artikolu 27(1) tal-Politika Komuni tas-Sajd, Regolament (UE) Nru 1380/2013, principarjament l-eżekuzzjoni ta' riċerka u programmi ta' innovazzjoni.
  **Punti massimi: 10**

**Miżura: Proġetti fuq investimenti produttivi fl-akkwakultura (total ta' 30/100 punt)**
**Artikolu 48(1) a-d, f-h tar-Regolament (UE) Nru 508/2014**

- Kunsiderazzjonijiet ekoloġiċi: jingħataw punti addizzjonali għal proposti li jippromwovu l-effiċjenza enerġetika;
  **Punti massimi: 5**
- Ħolqien tax-xogħol: ħolqien ta' impjieg fis-settur tal-akkwakultura (jiġifieri ekwivalenti għall-full time) jew setturi kumplimentari;
  **Punti massimi: 5**
- Jingħataw punti lil operazzjonijiet li għandhom l-għan li jimmiraw id-diversifikazzjoni tal-produzzjoni tal-akkwakultura u l-ispeċijiet ikkultivati;
  **Punti massimi: 5**
- Jingħataw aktar punti lil faċilitajiet li jkunu se jirriproduċu iktar minn speċi waħda u fi proporzjon għall-kapaċità tal-produzzjoni tagħhom;
  **Punti massimi: 10**
- Kunsiderazzjoni supplimentari mogħtija lil tekniki b'ċiklu magħluq jew lil kwalunkwe teknika speċjalizzata u innovattiva oħra.
  **Punti massimi: 5**

**Miżura: Proġetti fuq investimenti produttivi fl-akkwakultura (total ta' 30/100 punt)**
**Artikolu 48(1) e, i, j tar-Regolament (UE) Nru 508/2014**

- Kunsiderazzjonijiet ekoloġiċi: jingħataw punti addizzjonali għal proposti li jippromwovu l-effiċjenza enerġetika;
  **Punti massimi: 5**
- Ħolqien tax-xogħol: ħolqien ta' impjieg fis-settur tal-akkwakultura (jiġifieri ekwivalenti għall-full time) jew setturi kumplimentari;
  **Punti massimi: 5**
- Żieda mbassra fil-Profitti netti fuq il-bażi tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju;
  **Punti massimi: 5**
- Jingħataw aktar punti lil faċilitajiet li jkunu se jirriproduċu iktar minn speċi waħda u fi proporzjon għall-kapaċità tal-produzzjoni tagħhom;
  **Punti massimi: 10**
- Kunsiderazzjoni supplimentari mogħtija lil tekniki b'ċiklu magħluq jew kwalunkwe teknika speċjalizzata u innovattivi oħra.
  **Punti massimi: 5**

**Prijorità tal-Unjoni 5**

**Miżura: Miżuri ta' kummerċjalizzazzjoni (total ta' 30/100 punt)**

- Koeżjoni: tingħata preferenza lil investimenti proposti b'mod konġunt minn iktar minn operatur wieħed tas-settur;
  **Punti massimi: 5**
- Konsum ta' ħut: se jingħataw punti addizzjonali lil kampanji promozzjonali sostnuti minn pjan xieraq u li jiffokaw fuq it-titjib tal-għarfien tal-pubbliku dwar il-konsum tal-ħut;
  **Punti massimi: 10**
- Kunsiderazzjonijiet ekoloġiċi: se tingħata preferenza lil materjal promozzjonali miksub permezz ta' metodi tajbin għall-ambjent (stampar, eċċ);
  **Punti massimi: 5**
- Se jingħataw iktar punti lil kampanji li jimmiraw lejn partijiet usa' mill-udjenza.
  **Punti massimi: 10**

**Prijorità tal-Unjoni 6**

**Miżura: Titjib tal-għarfien dwar il-qagħda tal-ambjent baħar (total ta' 30/100 punt)**

- Sinerġiji nazzjonali bejn l-istituti u l-korpi pubbliċi;
  **Punti massimi: 10**
- Se jiġu allokati punti addizzjonali lil proġetti li jinvolvu kollaborazzjonijiet multipli;
  **Punti massimi: 10**
- Turija ta' żieda ikbar fl-għarfien dwar il-baħar.
  **Punti massimi: 10**

**Anness 1: Kriterji ta' Ammissibilità u Għażla għas-selezzjoni ta' benefiċjarji finali fir-rigward tal-waqfien temporanju mill-attivitajiet tas-sajd (Artiklu 33 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014.**

Nota: Dawn il-kriterji japplikaw għas-sajjieda bħala benefiċjarji finali, liema kriterji iridu jkunu onorati fl-applikazzjoni għall-għajnuna.

## 1.1 KRITERJI TA' AMMISSIBILITÀ

Dawn il-kriterji iridu jiġu onorati minn kull proposta għall-proġetti sabiex din titqies ammissibbli għal aktar assessjar kwalitattiv. Proġetti li ma jkunux conforms mal-kriterji ta' ammissibilità MHUMIEX ser jipproċedu għall-evalwar sħiħ bil-punteġġi.

Nota: M'hemm l-ebda marki numeriċi f'din is-sezzjoni. It-twettiq ta' dawn il-kriterji jieħu l-forma ta' Iva jew Le. Proġetti eliġibbli għandhom iwettqu kull kriterju mniżżel hawn taħt:

1.1.1 L-Applikant irid jippreżenta applikazzjoni mimlija bid-dettallji relevanti[5] flimkien ma' dokumentazzjoni awżiljarja. Sottomissjoni f'ħinha qabel it-data stabbilita;

1.1.2 Għajnuna għall-waqfien temporanju mill-attivitajiet tas-sajd mhux ser teċċedi id-durata ta' sitt xhur għal kull bastiment mill-2014 sal-2020 skond Artiklu 33.2 tar-Regolament tal-FEMS;

1.1.3 Sidien ta' bastimenti reġistrati bħala attivi u li kienu fuq il-baħar għal 120 jum matul l-aħħar sentejn li jippreċedu l-applikazzjoni[6];

1.1.4 Sidien ta' bastimenti iridu juru li matul kull sena mis-sentejn li jippreċedu l-applikazzjoni għall-għajnuna[7], il-bastiment irreġistra l-qabda minima rikjesta mill-Liġi Sussiddjarja 425.07 (lokali);

1.1.5 Benefiċjarju f'konformità mar-regoli tal-Politika Komuni Tas-Sajd.
Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/288 jiddefinixxi perjodi ta' żmien u dati għall-inammissibilità tal-applikazzjonijiet f'każ ta' ksur – sistema ta' punti. Dan il-kriterju huwa applikabbli fejn l-applikant ikkonċernat ikun 'operatur' hekk kif definit f'Artiklu 4(30) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jiġifieri persuna naturali jew legali li topera jew tippossjedi negozju f'attivitajiet relatati ma' kull stadju ta' produzzjoni, ipproċessar, kummerċjalizazzjoni, distribuzzjoni u ktajjen ta' bejgħ ta' ħut u prodotti tal-akkwakultura.

1.1.6 Sidien ta' bastimenti tas-sajd (MFA U MFB) għandhom juru li matul kull sena mis-sentejn li jippreċedu l-applikazzjoni għall-għajnuna[8], il-bastiment irreġistra ammont indaqs jew aktar mill-valur ta' qabdiet tal-pixxispad immniżżla hawn isfel

[5] Dettallji relevanti huma dawk rikjesti mill-kumitat tal-għażla sabiex jevalwa l-applikazzjonijiet u jaġġudika l-punti.
[6] Sena N (sena tal-applikazzjoni għall-għajnuna) eż. jekk is-sena tal-applikazzjoni għall-għajnuna hi 2019, is-sentejn ta' qabel = 2017 u 2018.
[7] L-istess.
[8] L-istess

skond it-tul stabbilit tal-bastiment:

| **Tul tal-bastiment (MFA u MFB)** | **Valur minimum ta' qabdiet irreġistrati tal-pixxispad (€)** |
|---|---|
| Taħt il-5.99 metri | 1,000.00 |
| Minn 6 sa 7.99 metri | 4,000.00 |
| Minn 8 sa 11.99 metri | 5,000.00 |
| Minn 12 sa 14.99 metri | 15,000.00 |
| Minn 15 -il metru 'l fuq | 20,000.00 |

1.1.7 Bastimenti tas-sajd ikkonċernati għandhom ikunu rreġistraw profit net posittiv matul kull sena mis-sentejn li jippreċedu l-applikazzjoni għall-għajnuna[9].

[9] L-istess.

## 2.1 KRITERJI TA' AMMISSIBILITÀ (total ta' 100 marka)

Il-proġett irid jikseb mill-inqas 50% tal-marki disponibbli sabiex jitqies għall-finanzjament. Il-proġetti sejrin jiġu kklassifikati skont il-marki u l-fondi allokati lil dawk il-proġetti li jiksbu l-ogħla marki. Proġetti oħra li jiksbu l-marka minima meħtieġa iżda li ma jingħatawx finanzjament se jitpoġġew f'lista ta' riżerva skont il-punti miksuba u jiġu offruti finanzjament jekk u meta l-fondi jsiru disponibbli.

Il-membri li jivvotaw għandhom jiddeċiedu kif il-proposta tal-proġett tindirizza kull wieħed mill-kriterji u jassenjaw punti skont il-gwida li ġejja:

- Eċċellenti 81 sa 100% tal-punti;
- Tajba ħafna 76 sa 80% tal-punti;
- Sodisfaċenti 50 sa 75% tal-punti;
- Dgħajfa ħafna 26 sa 49% tal-punti;
- Inaċċettabbli 01 sa 25% tal-punti.

### 2.1.1 Impatt posittiv tal-istokk tal-ħut in relazzjoni mal-qabdiet kollha tas-sajd: l-ikbar tnaqqis ta' sforz tas-sajd għal kull bastiment ibbażat fuq il-valur tal-qabdiet kollha rreġistrati fis-sena N-1[10].

**Bastiment tas-sajd f'kategorija A (MFA)**

| Tul ta-bastiment tas-sajd | Valur tal-qabdiet irreġistrati € | Punti |
|---|---|---|
| Taħt il-5.99 metri | 3,494.06 – 3,529.99 | 0 |
| | 3,530.00 – 3,849.99 | 8 |
| | 3,850.00 – 4,199.99 | 16 |
| | 4,200.00 - 4,599.99 | 24 |
| | 4,600.00 – 4,999.99 | 32 |
| | 5,000.00 u aktar | 40 |
| Minn 6 sa 7.99 metri | 9,317.49 – 9,449.99 | 0 |
| | 9,450.00 – 10,299.99 | 8 |
| | 10,300.00 – 11,299.99 | 16 |
| | 11,300.00 – 12,399.99 | 24 |

[10] Sena N (sena tal-applikazzjoni għall-għajnuna) eż. jekk is-sena tal-applikazzjoni għall-għajnuna hi 2019, is-sena N-1 = 2018.

| | | |
|---|---|---|
| | 12,400.00 – 13,499.99 | 32 |
| | 13,500.00 u aktar | 40 |
| Minn 8 sa 11.99 metri | 12,811.55 – 12,949.99 | 0 |
| | 12,950.00– 14,399.99 | 8 |
| | 14,400.00 – 15,999.99 | 16 |
| | 16,000.00 – 17,999.99 | 24 |
| | 18,000.00 – 29,999.99 | 32 |
| | 30,000.00 u aktar | 40 |
| Minn 12 sa 14.99 metri | 16,305.61 – 16,599.99 | 0 |
| | 16,600.00 – 18,999.99 | 8 |
| | 19,000.00 – 22,499.99 | 16 |
| | 22,500.00 – 29,499.99 | 24 |
| | 30,000.00 – 41,999.99 | 32 |
| | 42,000.00 u aktar | 40 |
| Minn 15 -il metru 'l fuq | 34,900.60 – 35,999.99 | 0 |
| | 36,000.00 – 39,999.99 | 8 |
| | 40,000.00– 49,999.99 | 16 |
| | 50,000.00 – 61,999.99 | 24 |
| | 62,000.00 – 75,999.99 | 32 |
| | 76,000.00 u aktar | 40 |

**Bastimenti tas-Sajd f'kategorija B (MFB)**

| **Tul tal-bastiment tas-sajd** | **Valur tal-qabdiet irreġistrati €** | **Punti** |
|---|---|---|
| Taħt il-5.99 metri | 1,164.69 – 1,176.33 | 0 |
| | 1,176.34 – 1,281.16 | 8 |
| | 1,281.17 – 1,397.63 | 16 |
| | 1,397.64 – 1,502.45 | 24 |
| | 1,502.46 – 1,618.92 | 32 |
| | 1,618.93 u aktar | 40 |
| Minn 6 sa 7.99 metri | 1,747.03 -1, 764.49 | 0 |
| | 1,764.50 – 1,929.99 | 8 |
| | 1,930.00 – 2,099.99 | 16 |

| | | |
|---|---|---|
| | 2,100.00 – 2,259.99 | 24 |
| | 2,260.00 – 2,499.99 | 32 |
| | 2,500.00 u aktar | 40 |
| Minn 8 sa 11.99 metri | 2,329.37 – 2,359.99 | 0 |
| | 2,360.00 – 2,599.99 | 8 |
| | 2,600.00 – 2,799.99 | 16 |
| | 2,800.00 – 3,004.99 | 24 |
| | 3,005.00 – 3,399.99 | 32 |
| | 3,400.00 u aktar | 40 |
| Minn 12 sa 14.99 metri | 3,494.06 -3,529.99 | 0 |
| | 3,530.00 – 3,899.99 | 8 |
| | 3,900.00 – 4,199.99 | 16 |
| | 4,200.00– 4,599.99 | 24 |
| | 4,600.00– 4,999.99 | 32 |
| | 5,000.00 u aktar | 40 |
| Minn 15 sa 29.99 metri | 5,823.43 – 5,899.99 | 0 |
| | 5,900.00 – 6,499.99 | 8 |
| | 6,500.00 – 7,099.99 | 16 |
| | 7,100.00 – 7,899.99 | 24 |
| | 7,900.00 – 8,999.99 | 32 |
| | 9,000.00 u aktar | 40 |

### 2.1.2 Impatt posittiv tal-istokk tal-ħut in relazzjoni mal-qabdiet tal-pixxispad: l-ikbar tnaqqis ta' sforz tas-sajd għal kull bastiment ibbażat fuq il-valur tal-qabdiet tal-pixxispad irreġistrati fis-sena N-1[11].

**Applikabbli għal bastimenti MFA u MFB**

| Tul tal-bastiment tas-sajd | Valur tal-qabdiet irreġistrati € | Punti |
|---|---|---|
| Taħt il-5.99 metri | 1,000.0 – 1,039.99 | 0 |
| | 1,040.00 – 1,099.99 | 12 |
| | 1,060.00– 1,199.99 | 24 |

[11] L-istess.

| | | |
|---|---|---|
| | 1,200.00 – 1,499.99 | 36 |
| | 1,500.00 – 1,999.99 | 48 |
| | 2,000.00 u aktar | 60 |
| Minn 6 sa 7.99 metri | 4,000.00 -4,049.99 | 0 |
| | 4,050.00 – 4,149.99 | 12 |
| | 4,150.00– 4,599.99 | 24 |
| | 4,600.00– 5,899.99 | 36 |
| | 5,900.00 – 7,999.99 | 48 |
| | 8,000.00 u aktar | 60 |
| Minn 8 to 11.99 metri | 5,000.00 -5,049.99 | 0 |
| | 5,050.00 – 5,499.99 | 12 |
| | 5,500.00 – 6,499.99 | 24 |
| | 6,500.00 – 12,999.00 | 36 |
| | 13,000.00 – 29,000.00 | 48 |
| | 30,000.00 u aktar | 60 |
| Minn 12 to 14.99 metri | 15,000.00 -15,999.99 | 0 |
| | 16,000.00 – 19,999.99 | 12 |
| | 20,000.00 – 34,999.99 | 24 |
| | 35,000.00– 49,999.99 | 36 |
| | 50,000.00 – 79,999.99 | 48 |
| | 80,000.00 u aktar | 60 |
| Minn 15 -il metru 'l fuq | 20,000,00 – 20,999.99 | 0 |
| | 21,000.00 – 33,999.99 | 12 |
| | 34,000.00 – 45,999.99 | 24 |
| | 46,000.00 – 65,999.99 | 36 |
| | 66,000.00 – 89,999.99 | 48 |
| | 90,000.00 u aktar | 60 |